**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 30 ta' Settembru, 2015**

**Talba Nru: 687/15 DMA**

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**Vs**

**Angelus Polidano**
**(ID 839944M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Settembru, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi dan it-Tribunal jikkundanna lil konvenut ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' mitejn, tnax-il Ewro u tmenin centezmu (€212.80) rapprezentanti danni u hsara kkawzati mill-konvenut fl-20 ta' Novembru, 2013 li waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ACA 123 habat ma paviment li jinsab Triq l-Erba' Mwiezeb, San Pawl il-Bahar.

Illi ghal dawn id-danni u l-hsara huwa responsabbli l-konvenut kawza ta' imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u l-vetturi bil-mutur.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data tal-incident in kwistjoni sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, bl-ingunzzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Deher il-konvenut Angelus Polidano li ammetta it-talba kif dedotta.

In vista ta' din l-ammissjoni t-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' mitejn, tnax-il Ewro u tmenin centezmu (€212.80) bl-imghax legali mid-data tal-incident in kwistjoni, sad-data tal-pagament finali.

L-ispejjez u drittijiet ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**